KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fit-22 ta' Mejju 2014[1]

Kawża C-221/13

Teresa Mascellani
vs
Ministero della Giustizia

[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale ordinario di Trento (l-Italja)]

"(Politika soċjali — Direttiva 97/81/KE — Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC — Bdil ta' kuntratt ta' impjieg part-time f'kuntratt ta' impjieg full-time kontra r-rieda tal-ħaddiem)"

1. Huwa kompatibbli mad-Direttiva 97/81/KE[2] għal Stat Membru li jipprovdi regoli li jippermettu li persuna li timpjega tbiddel relazzjoni ta' impjieg unilateralment, biex b'hekk il-ħaddiem ikun jeħtieġlu jibdel minn impjieg part-time għal wieħed full-time kontra r-rieda tal-ħaddiem innifsu? Dik, fil-qofol, hija d-domanda li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi f'din il-kawża.

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-UE*

2. Id-Direttiva 97/81 tinkorpora, fid-dritt tal-UE, Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (iktar 'il quddiem il-"ftehim qafas"). Il-ftehim qafas innifsu jinsab fl-Anness tad-Direttiva 97/81.

3. Kif imtenni fil-premessa 5 tad-Direttiva 97/81, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Essen enfasizzaw il-bżonn li jittieħdu miżuri biex jippromwovu l-impjiegi u l-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel, u talbu għal miżuri biex tiżdied l-intensità tat-tkabbir fl-impjiegi, b'mod partikolari permezz ta' organizzazzjoni ta' xogħol iktar flessibbli b'tali mod li jkunu sodisfatti kemm ix-xewqat tal-impjegati kif ukoll il-bżonnijiet tal-kompetizzjoni.

4. Il-premessa 11 tad-Direttiva 97/81 jgħid:

"[…] [i]l-partijiet firmatarji xtaqu li jikkonkludu ftehim qafas dwar xogħol part-time li jistabbilixxi il-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet minimi għal xogħol part-time; billi huma wrew ix-xewqa tagħhom li jistabbilixxu l-qafas ġenerali biex tiġi eliminata d-diskriminazjoni kontra ħaddiema part-time u biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' potenzjal ta' xogħol part-time fuq bażi li hi aċċettabbli kemm għal min iħaddem u għall-ħaddiema".

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Direttiva tal-Kunsill, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267).

5. It-tieni premessa tal-ftehim qafas tgħid:

“Waqt li jirrikonoxxu d-diversità tas-sitwazzjonjiet fl-Istati Membri u waqt li jagħrfu li x-xogħol part-time huwa karatteristika ta’ l-impjieg f’ċerti setturi u attivitajiet, dan [il-ftehim qafas] jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet minimi li għandhom x’jaqsmu max-xogħol part-time. Turi d-disposizzjoni ta’ l-imsieħba soċjali li jistabbilixxu qafas ġenerali għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra ħaddiema part-time u li jgħinu l-iżvilupp ta’ l-opportunitajiet għal xogħol part-time fuq bażi aċċettabbli għal min iħaddem u għall-ħaddiema”.

6. Skont il-kunsiderazzjoni ġenerali 5 tal-ftehim qafas, il-partijiet għal dan il-ftehim jagħtu importanza lil miżuri li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għal xogħol part-time għal nisa u rġiel biex jippreparaw għal irtirar, jgħaqqdu flimkien l-obbligi tax-xogħol u tal-familja, u biex jieħdu opportunitajiet ta’ edukazzjoni u taħriġ biex itejbu l-kapaċitajiet u l-opportunitajiet għal karriera u dan għal benefiċċju reċiproku tal-persuna li timpjega u l-ħaddiema u b’mod li jgħin l-iżvilupp tal-intrapriżi.

7. Il-Klawżola 1 tal-ftehim qafas (“L-iskop”) tgħid:

“L-iskop ta’ dan il-[f]tehim [q]afas hu:

(a) li jipprovdi għat-tneħħija tad-diskriminazzjoni kontra ħaddiema part-time u li jtejjeb il-kwalità ta’ xogħol part-time;

(b) li jiffaċilita l-iżvilupp ta’ xogħol part-time fuq bażi volontarja u li jikkontribwixxi għall-organizzazzjoni flessibbli ta’ ħin ta’ xogħol b’tali mod li jieħu inkonsiderazzjoni l-bżonnijiet ta’ min iħaddem u tal-ħaddiema.”

8. Il-Klawżola 3.2 tal-ftehim qafas (“Tifsiriet”) tiddefinixxi t-terminu “ħaddiem full-time ta’ l-istess tip”. Dak it-terminu jindika ħaddiem full-time fl-istess stabbiliment li għandu l-istess tip ta’ kuntratt ta’ impjieg jew relazzjoni, li huwa mqabbad biex jaħdem fl-istess xogħol/okkupazzjoni simili, b’kont meħud tal-kunsiderazzjonijiet l-oħra li jistgħu jinkludu l-anzjanità u l-kwalifikazzjoni/kapaċità. Il-Klawżola 3.2 tkompli tgħid li, meta ma jkunx hemm ħaddiem full-time tal-istess tip fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b’riferiment għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew meta ma jkunx hemm ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi nazzjonali, ftehim kollettivi u prattika.

9. Il-Klawżola 4.1 tal-ftehim qafas (“Il-prinċipju ta’ non-diskriminazzjoni”) tgħid:

“Fejn għandhom x’jaqsmu il-kondizzjonijiet tax-xogħol, ħaddiema part-time m’għandhomx jiġu ttrattati b’manjiera inqas favorevoli minn ħaddiema full-time ta’ l-istess tip biss minħabba li huma jaħdmu part-time kemm-il darba dan it-trattament differenti mhuwiex oġġettivament ġustifikat.”

10. Il-Klawżola 5 tal-ftehim qafas (“Opportunitajiet għal xogħol part-time”) tgħid:

“1. Fil-kuntest tal-Klawżola 1 ta’ dan il-Ftehim u tal-prinċipju ta’ non-diskriminazzjoni bejn ħaddiema part-time u full-time:

(a) L-Istati Membri, wara konsultazzjonijiet ma’ l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali jew prattika, għandhom jidentifikaw u jirrevedu ostakoli ta’ natura legali jew amministrattiva li jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet għal xogħol part-time u, meta approprjat, jeliminawhom;

(b) l-imseħbin soċjali, waqt li jaġixxu fis-settur tal-kompetenza tagħhom u permezz tal-proċeduri stabbiliti fil-ftehim kollettiv, għandhom jidentifikaw u jirrevedu l-ostakoli li jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet għal xogħol part-time u, meta approprjat, jeliminawhom.

2. Ir-rifjut ta' ħaddiem li jiġi trasferit minn xogħol full-time għal part-time jew viċe versa m'għandux b'daqshekk jikkostitwixxi raġuni valida għat-terminazzjoni ta' impjieg, mingħajr preġudizzju għat-terminazzjoni skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u l-prattika, għal raġunijiet oħra li jistgħu jiġu ikkawżati minn ħtiġiet operazzjonali ta' l-istabbiliment ikkonċernat.

3. Sa fejn hu possibbli, min jimpjega għandu jikkunsidra:

(a) talbiet minn ħaddiema għal trasferiment minn xogħol full-time għal xogħol part-time li jsir disponibbli fl-istabbiliment;

[…]

(d) miżuri għall-faċilitazzjoni ta' l-aċess għal xogħol part-time fil-livelli kollha ta' l-impriża, inklużi pożizzjonijiet kapaċi u amministrattivi, u meta approprjat, biex ikun iffaċilitat aċċess minn ħaddiema part-time għal taħriġ professjonali biex itejjeb l-opportunitajiet tal-karriera tagħhom u l-mobbilità fix-xogħol;

[…]'

11. Il-Klawżola 6 tal-ftehim qafas ("Dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni") tistabbilixxi ċerti regoli. Skont il-Klawżola 6.1, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk stabbiliti fil-ftehim qafas. Barra dan, skont il-Klawżola 6.2:

"L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhiex tikkostitwixxi bażi valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fis-settur ta' dan il-ftehim. Dan ma jippreġudikax id-dritt ta' l-Istati Membri u/jew ta' l-imsieħba soċjali li jiżviluppaw dispożizzjonijiet leġislattivi, regulatorji jew kuntrattwali fid-dawl ta' ċirkostanzi li jinbidlu u ma jippreġudikax l-applikazzjoni tal-klawżola 5.1 sakemm il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni kif espress fil-Klawżola 4.1 ikun imħares."

B – *Id-dritt Taljana*

12. Skont l-Artikolu 16 tal-Liġi Taljana Nru 183 tal-4 ta' Novembru 2010[3] (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 183/2010"), huwa possibbli għal ċerti awtoritajiet pubbliċi, meta japplikaw għall-ewwel darba r-regoli adottati skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 112 tal-25 ta' Ġunju 2008 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008")[4], li jevalwaw mill-ġdid deċiżjonijiet li jippermettu l-bidla ta' relazzjonijiet ta' impjieg full-time għal relazzjonijiet ta' impjieg part-time meta deċiżjonijiet bħal dawn kienu adottati qabel ma kien daħal fis-seħħ id-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008. Evalwazzjoni mill-ġdid bħal din għandha ssir fi żmien 180 jum mid-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010 u tkun suġġetta għall-prinċipji ta' ġustizzja u *bona fide*.

13. Ċirkulari ministerjali kienet adottata mid-Dipartiment Taljan tas-Servizz Ċivili biex tagħti linji gwida għall-applikazzjoni, *inter alia*, tal-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010[5]. Skont iċ-ċirkulari, dik id-dispożizzjoni hija ġġustifikata mil-limiti baġitarji iktar stretti applikabbli fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali. Iċ-ċirkulari tgħid ukoll li s-setgħa unilaterali ta' persuni pubbliċi li jimpjegaw li jordnaw lil impjegat jerġa' lura għal xogħol full-time għandha titqies bħala eċċezzjonali u għandha tkun eżerċitata fil-limiti msemmijin fil-punt 12 iktar 'il fuq.

3 — GURI Nru 262 tad-9 ta' Novembru 2010, Suppliment Ordinarju Nru 243.

4 — Ara l-Artikolu 73 tad-Digiet Leġiżlattiv Nru 112 tal-25 ta' Ġunju 2008 (GURI Nru 147 tal-25 ta' Ġunju 2008, Suppliment Ordinarju No 152/L), mibdul fil-Liġi Nru 133 tas-6 ta' Awwissu 2008 (GURI Nru 195 tal-21 ta' Awwissu 2008, Suppliment Ordinarju Nru 196).

5 — Ċirkulari Nru 9/2011 tat-30 ta' Ġunju 2011.

14. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010, kif stabbilita f'dik iċ-ċirkulari ministerjali, minn dak iż-żmien 'l hawn kienet ikkonfermata mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) (l-Italja) [6].

II – **Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari**

15. T. Mascellani hija uffiċjal tal-Ministeru tal-Ġustizzja Taljan u għandha pożizzjoni fil-qorti tar-rinviju. Mit-28 ta' Awwissu 2000 'l quddiem hija ħadmet part-time skont orarju ta' kull ġimgħa li bih 50 % tas-sigħat normali tax-xogħol jinfirxu tul tliet ijiem fil-ġimgħa ("relazzjoni vertikali ta' impjieg part-time").

16. Wara li daħlet fis-seħħ il-Liġi Nru 183/2010, il-Ministeru tal-Ġustizzja, li aġixxa permezz tal-intermedjarju tad-Direttur tal-Amministrazzjoni tal-Qorti ta' Trento, adotta d-Deċiżjoni Nru 20384 tat-8 ta' Frar 2011 u d-Deċiżjoni Nru 1882 tal-21 ta' Marzu 2011 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati"). Id-deċiżjonijiet ikkontestati evalwaw mill-ġdid u ħassru unilateralment l-arranġamenti tax-xogħol part-time ta' T. Mascellani, skont l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010, u tawha istruzzjonijiet biex taħdem full-time, abbażi ta' sigħat sħaħ ta' xogħol mifruxin tul sitt ijiem fil-ġimgħa, mill-1 ta' April 2011.

17. Peress li oġġezzjonat għal dik il-bidla fil-kuntratt ta' impjieg tagħha, T. Mascellani ressqet azzjoni quddiem id-Diviżjoni tax-Xogħol tal-qorti tar-rinviju u talbet l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati u dikjarazzjoni li l-impjieg part-time tagħha ma setax jinbidel għal relazzjoni ta' impjieg full-time kontra r-rieda tagħha. Hija targumenta li l-bidla hija kontra l-liġi skont id-Direttiva 97/81.

18. Skont T. Mascellani, ix-xogħol part-time għenha tuża l-ħin tagħha kemm biex tieħu ħsieb familtha kif ukoll biex tieħu taħriġ vokazzjonali. Hija kienet irreġistrata fil-lista ta' avukati ta' Trento, kienet iggradwat minn kulleġġ ta' speċjalizzazzjoni għall-professjonijiet legali u rreġistrat ukoll fl-Università ta' Padova għal kors ta' tliet snin għal diploma għal organizzazzjoni ta' taħriġ fil-post tax-xogħol. Ix-xogħol part-time għen ukoll lil T. Mascellani tagħti assistenza lill-uniku ġenitur tagħha li għadu ħaj — issa ta' iktar minn 90 sena — li jgħix magħha u li ma għandu ebda qarib jgħix fil-qrib.

19. Il-Ministeru tal-Ġustizzja jopponi l-azzjoni mressqa minn T. Mascellani. Jikkontendi li, skont l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010, il-Ministeru jista' jittermina relazzjoni ta' impjieg part-time u jimponi sigħat ta' xogħol full-time, ukoll kontra r-rieda tal-impjegat. Skont il-Ministeru, id-Direttiva 97/81 ma tipprekludix dispożizzjoni bħal din.

20. Billi kellha dubbji dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 97/81, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiema u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Il-Klawżola 5(2) tal-[ftehim qafas] (li [t]ipprovdi li "r-rifjut ta' ħaddiem li jiġi trasferit minn xogħol full-time għal part-time jew viċe versa m'għandux b'daqshekk jikkostitwixxi raġuni valida għat-terminazzjoni ta' impjieg, mingħajr preġudizzju għat-terminazzjoni skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u l-prattika, għal raġunijiet oħra li jistgħu jiġu ikkawżati minn ħtiġiet operazzjonali ta' l-istabbiliment ikkonċernat"), għandha tiġi interpretata fis-sens li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri ma jitħallewx jipprevedu l-possibbiltà għall-persuna li timpjega li tordna t-tibdil tal-kuntratt ta' xogħol part-time għal kuntratt full-time, anki kontra r-rieda tal-ħaddiem?

6 — Sentenza Nru 224/2013 tas-16 ta' Lulju 2013. Fis-sentenza tagħha l-Corte costituzionale analizzat ir-relazzjoni bejn dik id-dispożizzjoni u l-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas.

2. [Id-Direttiva 97/81] tipprekludi li dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 16 tal-liġi Nru 183 tal-4 ta' Novembru 2010 tipprevedi l-possibbiltà għall-persuna li timpjega li tordna t-tibdil tal-kuntratt ta' xogħol part-time għal kuntratt full-time, anki kontra r-rieda tal-ħaddiem?

21. Kienu sottomessi osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Taljan u Ċek, u mill-Kummissjoni. Waqt is-smigħ tal-20 ta' Marzu 2014, kien ippreżentat argument orali minn T. Mascellani, mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni.

III – **L-osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja**

22. Skont T. Mascellani, il-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas għandha tkun interpretata fis-sens li tipprekludi lill-persuna li timpjega — fis-settur privat jew fis-settur pubbliku — milli tbiddel ir-relazzjoni ta' impjieg mingħajr il-kunsens espress tal-ħaddiem. Minħabba li l-ftehim qafas huwa maħsub li ma jħallix li jkun hemm diskriminazzjoni kontra ħaddiema part-time, din għandha tkun l-unika interpretazzjoni adatta ta' dik il-klawżola.

23. Il-Gvern Taljan jenfasizza n-natura tranżitorja tal-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010. Dak il-gvern josserva li skont is-sistema li kienet tapplika qabel għas-settur pubbliku [7], il-ħaddiema kellhom dritt kważi mingħajr limitu li jiksbu tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol. Iżda s-sistema attwali, skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008, hija intiża sabiex toħloq bilanċ ġust bejn id-drittijiet tal-persuna li timpjega, min-naħa l-waħda, u d-drittijiet tal-ħaddiem, min-naħa l-oħra. Persuna pubblika li timpjega tista' tirrifjuta talba għal sigħat imnaqqsa meta jekk tintlaqa' t-talba tista', *inter alia*, issir ħsara lill-funzjonament tal-korp pubbliku. Għaldaqstant, l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010 kien jirregola t-tranżizzjoni mis-sistema ta' qabel għal dik li attwalment tinsab fis-seħħ. L-għan tal-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010 huwa li jkun hemm bilanċ bejn interessi diverġenti ta' persuni li jimpjegaw fis-settur pubbliku u tal-ħaddiema fis-settur pubbliku. Għan ieħor huwa li jqiegħed ħaddiema li jkunu għamlu talba biex jaħdmu part-time skont is-sistema ta' qabel fuq bażi ugwali ma' dawk li għamlu talba skont is-sistema attwali.

24. Skont il-Gvern Taljan, il-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas ma tistax tkun interpretata bħala li teżiġi li bidla minn xogħol part-time għal xogħol full-time għandha neċessarjament tkun konsenswali. Dik id-dispożizzjoni taspira biss li tillimita l-possibbiltà ta' tkeċċija meta l-ħaddiem ma jaqbilx ma' bidla bħal dik, iżda ma tipprojbixxix miżuri inqas intrużivi meħudin mill-persuna li timpjega. Barra dan, dik id-dispożizzjoni hija mfassla f'termini li ma humiex obbligatorji u, għalhekk, ma tagħtix lill-ħaddiem dritt infurzabbli.

25. Il-Gvern Taljan jikkontendi ulterjorment li d-Direttiva 97/81 ma tistax tinftiehem bħala li b'mod ġenerali teħtieġ li jinkiseb il-kunsens tal-ħaddiem għal tibdiliet fis-sigħat tax-xogħol. Li ma jkunx meħtieġ kunsens ma jfissirx diskriminazzjoni bejn ħaddiema full-time u part-time skont il-Klawżola 4 tal-ftehim qafas; lanqas ma jillimita l-possibbiltà li jsir xogħol part-time. Tabilħaqq, skont il-Klawżola 1(b) tal-ftehim, jidher għall-Gvern Taljan li hija biss it-tranżizzjoni minn xogħol full-time għal xogħol part-time li jkollha tittwettaq fuq bażi volontarja, minħabba li dik it-tranżizzjoni tinvolvi telf ekonomiku għall-ħaddiem.

26. Fil-fehma tal-*Gvern Ċek* relazzjoni ta' impjieg li qabel kienet fuq bażi part-time ma tistax tkun immodifikata unilateralment mill-persuna li timpjega kontra r-rieda tal-ħaddiem. Jekk isir hekk isir ostakolu għall-iżvilupp ta' xogħol part-time mingħajr ma titqies ir-rieda tal-ħaddiem, bil-kontra tal-iskop tal-ftehim qafas skont il-Klawżola 1(b) tiegħu u kif speċifikat fil-kunsiderazzjoni ġenerali 5 tiegħu. Il-Gvern Ċek iqis ukoll li, kuntrarju għall-iskop l-ieħor ta' dak il-ftehim kif stabbilit fil-Klawżola 1(a) tiegħu, possibbiltà bħal din toħloq diskriminazzjoni mhux iġġustifikata kontra

7 — Iregolat qabel bl-Artikolu 1(58) tal-Liġi Nru 662 tat-23 ta' Diċembru 1996, GURI Nru 303 tat-28 ta' Diċembru 1996, Suppliment Ordinarju Nru 233.

ħaddiema part-time, minħabba li ħaddiema full-time ma jiffaċċjawx l-istess riskju. B'mod iktar ġenerali, dak il-gvern jirreferi għall-prinċipju ta' libertà tal-kuntratt, il-projbizzjoni ta' xogħol forzat stabbilit fl-Artikolu 5(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [8], u jikkontendi li persuni li jimpjegaw fis-settur pubbliku ma għandhomx igawdu minn drittijiet ikbar minn ta' oħrajn.

27. Il-*Kummissjoni*, li tipproponi li tingħata risposta konġunta għaż-żewġ domandi, tosserva li l-kliem tal-Klawżola 5.2 u tal-Klawżola 5.3(a) tal-ftehim qafas huwa vag. Tkompli tgħid li l-ftehim qafas ma jagħtix lil ħaddiema d-dritt li jibqgħu fi skema ta' impjieg part-time. B'mod partikolari, il-Klawżola 5.2 ma teskludix il-possibbiltà ta' tkeċċija ta' ħaddiem li jirrifjuta li jibdel għal relazzjoni ta' impjieg full-time meta l-ħtiġijiet operazzjonali tal-istabbiliment konċernat jeżiġu dan. Dan huwa kkonfermat mill-iskop tal-ftehim qafas, li — kif jingħad fil-Klawżola 1(b) — għandu jikkontribwixxi għall-organizzazzjoni flessibbli tal-ħin tax-xogħol b'mod li jitqiesu l-ħtiġijiet kemm tal-persuni li jimpjegaw kif ukoll tal-ħaddiema.

28. Madankollu, il-Kummissjoni targumenta li jsegwi mill-Klawżola 1(b) tal-ftehim qafas, moqrija flimkien mal-Klawżola 5.2 tiegħu, li l-persuna li timpjega għandha tikkonsulta mal-ħaddiem u tqis il-ħtiġijiet tiegħu; tevalwa possibbiltajiet oħra, u tagħti lill-ħaddiem perijodu ta' żmien biex jadatta għall-iskema l-ġdida. Tkeċċija tista' tkun ikkontemplata biss meta tkun meħtieġa biex jitħarsu l-ħtiġijiet operazzjonali tal-istabbiliment ikkonċernat. Fil-fehma tal-Kummissjoni, billi ma tipprovdix li tkeċċija għandha tkun il-konsegwenza awtomatika ta' rifjut u billi tagħmel il-bidla tar-relazzjoni tal-impjieg suġġetta għall-prinċipji ta' ġustizzja u *bona fide*, il-leġiżlazzjoni Taljana hija konformi mar-rekwiżiti tal-ftehim qafas.

29. Fl-aħħar nett, billi tirreferi għall-premessi 5 u 11 tad-Direttiva 97/81, għall-preambolu tal-ftehim qafas mehmuż miegħu, għall-paragrafu 5 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tiegħu u għall-Klawżoli 1, 4 u 5 tiegħu, il-*qorti tar-rinviju* tqis li l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010 ma huwiex kompatibbli mad-Direttiva 97/81. Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010 jippermetti diskriminazzjoni kontra ħaddiema part-time, li, b'differenza mill-ħaddiema full-time, huma esposti għar-riskju li s-sigħat tax-xogħol tagħhom ikunu jistgħu jinbidlu. Barra dan, skont il-qorti tar-rinviju, isegwi mill-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas li relazzjoni ta' impjieg part-time ma tistax tinbidel għal relazzjoni full-time (jew viċe versa) sakemm il-ħaddiem ma jagħtix il-kunsens tiegħu. Jekk terminazzjoni titqies li tkun illegali skont dik il-klawżola, allura r-rifjut tal-ħaddiem li jaqbel għall-bidla għandu jkun skont il-liġi u, għaldaqstant, għandu jinkiseb il-kunsens tal-ħaddiem.

IV – **L-analiżi**

A – *Ir-riformulazzjoni tad-domandi preliminari*

30. Iż-żewġ domandi magħmulin mill-Qorti ta' Trento għandhom ċarament rabta bejniethom. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas tipprekludix lil persuna li timpjega milli unilateralment tibdel relazzjoni ta' impjieg part-time għal impjieg full-time. Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment titlob għall-istess kjarifika, iżda mingħajr ma tirreferi għal xi dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva 97/81 jew tal-ftehim qafas. B'hekk, it-tieni domanda effettivament tkopri l-istess kwistjoni bħal tal-ewwel; iżda jidher ukoll li hija ta' natura sussidjarja, fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv.

8 — Artikolu 5(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprovdi li "[*h*]*add m'għandu jiġi mġieġħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju*".

31. Naqbel mal-Kummissjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta konġunta għaż-żewġ domandi. Iżda f'dak il-proċess nemmen tassew — mhux bħall-Kummissjoni — li jkun utli għall-qorti tar-rinviju li tkun indirizzata f'termini iktar ġenerali l-kompatibbiltà tar-regoli inkwistjoni mal-ftehim qafas, għax dik hija l-kwistjoni prinċipali mqajma fit-tieni domanda. Ser nagħmel hekk fl-aħħar parti ta' dawn il-konklużjonijiet.

32. Għalhekk nirriformula d-domandi kif ġej:

"Id-Direttiva 97/81 — u, b'mod partikolari, il-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas mehmuż magħha — tipprekludi dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali, bħalma huwa l-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 183/2010, li tipprovdi li l-persuna li timpjega tkun tista' tibdel relazzjoni ta' impjieg part-time għal relazzjoni ta' impjieg full-time mingħajr il-kunsens tal-ħaddiem?'

B – *Il-kunsiderazzjoni tad-domanda riformulata*

33. Ir-risposta għad-domanda hekk riformulata tikkonċentra fuq il-protezzjoni li għandha tingħata kif jixraq lil ħaddiema skont il-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas. Ser nevalwa dan billi nifli l-kliem, il-kuntest u l-iskop ta' dik id-dispożizzjoni.

34. Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-*kliem* tagħha, ninnota mill-bidu — bħalma għamlu l-Gvern Taljan u l-Kummissjoni — li l-Klawżola 5.2 ta' dak il-ftehim kienet abbozzata b'mod li joskura l-qofol tat-tifsira vera tagħha.

35. L-ewwel nett, il-lingwa użata fil-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas tidher li hija vaga apposta. Skont dik id-dispożizzjoni, "[i]r-rifjut ta' ħaddiem li jiġi trasferit minn xogħol full-time għal part-time jew viċe versa *m'għandux* b'daqshekk jikkostitwixxi raġuni valida għat-terminazzjoni ta' impjieg" (enfasi miżjuda minni). Min-naħa l-waħda, l-impressjoni miksuba hija li, skont dik id-dispożizzjoni, rifjut bħal dan ma għandux, *prima facie*, jiġġustifika li ħaddiem jitkeċċa għax ma jkunx jixtieq li r-relazzjoni tal-impjieg tinbidel. Min-naħa l-oħra, iżda, l-użu tat-terminu "m'għandux" ma jissuġġerixxix li l-kunsens tal-ħaddiem għall-bidla fis-sigħat tax-xogħol huwa mandatorju.

36. It-tieni nett, il-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas tipprovdi wkoll li rifjut għal trasferiment minn xogħol part-time għal full-time jista' wkoll ikun raġuni valida biex ikun itterminat kuntratt ta' impjieg "skond il-liġi nazzjonli, il-ftehimiet kollettivi u l-prattika, *għal raġunijiet oħra li jistgħu jiġu ikkawżati minn ħtiġijiet operazzjonali ta' l-istabbiliment ikkonċernat*" (enfasi miżjuda minni). Għal darba oħra, huwa diffiċli, fil-fehma tiegħi, meta titqies il-parti enfasizzata tal-passaġġ ikkwotat minn perspettiva ta' drittijiet, li jkun konkluż b'ċertezza li dan jagħti lil ħaddiema dritt inkontestabbli li jirrifjutaw bidla tar-relazzjoni ta' impjieg. Tabilħaqq is-setgħa li tkun itterminata relazzjoni ta' impjieg minħabba l-ħtiġijiet operazzjonali li dejjem jinbidlu tal-post tax-xogħol tkun tidher li ġġib fix-xejn mill-bidu nett l-idea li l-Klawżola 5.2 tagħti xi protezzjoni sustantiva.

37. Mill-aspett *sistemiku*, dik il-kunsiderazzjoni hija kkonfermata, l-ewwel nett, mill-mod li bih il-bqija tal-Klawżola 5 kienet abbozzata. Il-Klawżola 5.1(a) u l-Klawżola 5.1(b) isemmu li l-Istati Membri, flimkien mal-imsieħba soċjali, "*għandhom* jidentifikaw" ostakoli għal xogħol part-time u jeliminawhom "*meta approprjat*"; il-Klawżola 5.3 tgħid li "*sa fejn hu possibbli*, min jimpjega *għandu* jikkunsidra" lista ta' miżuri differenti, li xi whud minnhom huma deskritti anki f'termini iktar moderati (enfasi miżjuda minni fil-kwotazzjonijiet kollha) [9].

9 — Ara l-Klawżola 5.3(b) li, ukoll, għandha l-kelmiet "jekk"; il-Klawżola 5.3(d), li tuża t-termini "meta approprjat"; u l-Klawżola 5.3(e), fejn ukoll tintuża l-kelma "approprjata".

38. It-tieni nett, ma għandux jintesa li, skont l-Artikolu 288 TFEU, il-ftehim qafas, bħala anness tad-Direttiva 97/81, iħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiddeterminaw kif l-objettivi ta' dak l-istrument għandhom jitwettqu. Skont il-Klawżola 6.1 tal-ftehim qafas, il-ftehim jipprovdi biss għal armonizzazzjoni minima. Barra dan, ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva u tal-ftehim qafas espliċitament jagħtu ċerti setgħat regolatorji lill-Istati Membri [10]. Il-fatt li tant kwistjonijiet mhux solvuti jitħallew fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri jsostni l-idea li l-lingwa użata fil-Klawżola 5 ta' dak il-ftehim hija ta' karattru li ma huwiex vinkolanti.

39. U dwar *l-iskop* tagħha, dak tal-Klawżola 5 tal-ftehim qafas huwa wieħed globali ddikjarat espliċitament fil-Klawżola 1(b), jiġifieri "li jiffaċilita l-iżvilupp ta' xogħol part-time fuq bażi volontarja u li jikkontribwixxi għall-organizzazzjoni flessibbli ta' ħin ta' xogħol b'tali mod li jieħu inkonsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema". Il-flessibbiltà msemmija hemmhekk hija bipolari, minħabba li tiġbor fiha kemm il-flessibbiltà "min-naħa tad-domanda" għall-persuni li jimpjegaw u l-flessibbiltà "min-naħa tal-provvista" għall-ħaddiema [11], *iżda mingħajr ma xxaqleb favur naħa jew oħra* [12].

40. Fid-dawl ta' dawk l-elementi, xi kummentaturi huma tal-fehma li, b'kuntrast mal-Klawżola 4, il-kliem tal-Klawżola 5 tal-ftehim qafas (u/jew ċerti subklawżoli tiegħu) huwa f'termini inċerti ta' natura dikjaratorja [13], filwaqt li oħrajn huma tal-fehma li, sempliċiment, ma hemmx dritt għal xogħol part-time [14]. Fil-verità, iżda, mhux kollha jaqblu li l-Klawżola 5 ċertament ma tistabbilixxi ebda obbligu legali [15].

41. Jiena ma ninsabx kontra l-fehma li jista' jkun hemm tkeċċċija biss meta jkun meħtieġ biex jitħarsu l-ħtiġijiet tal-operazzjonijiet tal-istabbiliment ikkonċernat. Iżda, niddubita jeżistix rekwiżit legali għal dak il-fini, bħala materja ta' liġi tal-UE, skont il-Klawżola 5.2. Fil-fatt jidhirli li l-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas hija wisq vaga biex ikollha għarfien mill-qrati. Apparti l-osservazzjonijiet magħmulin fil-punti 34 sa 39 iktar 'il fuq, insib li interpretazzjoni bħal din hija sostnuta minn diversi elementi, l-iktar mill-istorja leġiżlattiva u mill-isfond tal-ftehim qafas.

10 — Ara, pereżempju, il-premessa 16 tad-Direttiva 97/81, li skontha "Billi, fejn għandhom x'jaqsmu t-termini użati fil-[f]tehim [q]afas li mhumiex speċifikatament definiti hemmhekk, din id-Direttiva tħalli lill-Istati Membri liberi li jiddefinixxu dawk it-termini skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, kif inhu l-każ għal Direttivi oħrajn ta' politika soċjali bl-użu ta' kliem simili, kemm-il darba d-definizzjonijiet imsemmija jirrispettaw il-kontenut tal-[f]tehim [q]afas"; ara wkoll il-Klawżola 2.2; it-tieni sentenza tal-Klawżola 3.2; il-Klawżola 4.3; il-Klawżola 4.4 u l-Klawżola 6.5 tal-ftehim qafas.

11 — Ara, *inter alia*, S. Deakin, and H. Reed, "The Contested Meaning of Labour Market Flexibility", f'J. Shaw, (ed.), *Social Law and Policy in an Evolving European Union*, Hart Publishing, Oxford: 2000, p. 75.

12 — Il-premessa 11 tad-Direttiva 97/81 u t-tieni premessa tal-ftehim qafas it-tnejn isemmu li l-għan ta' dak il-ftehim huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-potenzjal ta' xogħol part-time fuq bażi li hi aċċettabbli b'mod reċiproku kemm għall-persuna li timpjega u għall-ħaddiema. B'mod simili, il-premessa 5 tad-Direttiva tirreferi għal organizzazzjoni ta' xogħol iktar flessibbli b'tali mod li tissodisfa kemm ix-xewqat tal-ħaddiema kif ukoll il-bżonnijiet tal-kompetizzjoni.

13 — Ara, *inter alia*, P. Rodière, *Droit social de l'Union européene*, L.G.D.J., Pariġi: 2002 (it-tieni edizzjoni.), li skontu "[*e*]*n dehors de la règle de non-discrimination, l'accord-cadre prend une tournure recommandationnelle*"; C. Barnard, *EU Employment Law*, Oxford University Press, Oxford: 2012 (ir-raba' edizzjoni.), p. 437, li skontu "*ħafna mill-bqija tad-Direttiva 97/81 tinħass bħala riżoluzzjoni eżortattiva milli miżura ta' liġi stretta*" [traduzzjoni libera]; M. Jeffery, "Not Really Going to Work? Of the Directive on Part-Time Work, 'Atypical Work' and Attempts to Regulate It", 3(27) 1998 *Industrial Law Journal* 193, p. 198 u 203, fejn jingħad li "*il-kliem tal-[Klawżola 5.2] huwa vag, u jħalli l-applikabbiltà tar-regola ġenerali inċerta ħafna*" [traduzzjoni libera].

14 — Ara f'dan ir-rigward, B. Hepple, u C. Barnard, "Substantive Equality" 3(59) 2000 *Cambridge Law Journal* 562, p. 582, li skonthom "*ma hemmx obbligu li jinħolqu postijiet ta' xogħol part-time jew tqassim tax-xogħol*" [traduzzjoni libera]; R. Nielsen, *European Labour Law*, DJØF, Copenhagen: 2000, p. 152, fejn jingħad li "[*Id-Direttiva 97/81] ma tistabbilixxi ebda dritt għal ħaddiema li jkunu jixtiequ jagħmlu hekk li jaħdmu part-time*" [traduzzjoni libera].

15 — Ara C. Kilpatrick, u M. Freedland, "The United Kingdom: how is EU governance transformative?' in S. Sciarra, P. Davies and M. Freedland, (eds.), *Employment Policy and the Regulation of Part-time Work in the European Union. A Comparative Analysis*, Cambridge University Press, Cambridge: 2004, p. 329 *et seq*., fejn b'riferiment għall-Kawżola 5.2, jingħad li "[*Il-Klawżola] 5 ma tistax titwarrab qabelxejn bħala dispożizzjoni mhux vinkolanti, li għandha biss għanijiet ta' aspirazzjoni ta' protezzjoni soċjali u miri ta' promozzjoni ta' impjiegi*" [traduzzjoni libera].

42. Meta l-Parlament Ewropew kien fil-proċess li jqis il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva, il-Kumitat parlamentari għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ħareġ rapport dwar dik il-proposta. Fir-rapport il-Kumitat qal li l-Klawżola 5 tal-ftehim qafas ma hijiex "legalment vinkolanti" f'dak li jirrigwarda l-punti kollha li għalihom tirreferi[16]. Ir-riżoluzzjoni parlamentari dwar il-proposta tal-Kummissjoni wara l-ħruġ ta' dak ir-rapport approvat il-kritika magħmula mir-rapport[17]. Madankollu l-kontenut tal-ftehim qafas ma kienx immodifikat kif kien issuġġerit.

43. Flimkien ma' dan, il-Klawżola 5 tal-ftehim qafas tidher li hija ispirata mill-Artikoli 9 u 10 tal-Konvenzjoni Nru 175 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO") dwar Xogħol Part-time (iktar 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-ILO")[18]. Tabilħaqq, il-leġiżlatura tal-UE rrikonoxxiiet li għandhom jitqiesu l-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-ILO"[19]. Flimkien ma' dan, ir-Rakkomandazzjoni adottata biex tikkompleta l-Konvenzjoni tal-ILO[20] — li, skont il-punt 1 tagħha, għandha titqies flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni — fiha, fil-punti 17 sa 19 tagħha, dispożizzjonijiet li huma ftit jew wisq simili għal dawk tal-ftehim qafas.

44. F'dan ir-rigward, kien argumentat — b'mod konvinċenti, fil-fehma tiegħi — li l-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lil ħaddiema part-time skont id-Direttiva 97/81 huwa iktar baxx minn dak mogħti skont il-Konvenzjoni tal-ILO u r-Rakkomandazzjoni li hemm magħha[21]. Jekk hu hekk, insibha anki iktar diffiċli nimmaġina kif il-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas tista' tippermetti lil ħaddiem li jkun qabel ħadem part-time jirrifjuta li jkun ittrasferit għal xogħol full-time, meta l-kliem tad-dispożizzjoni korrispondenti fl-istrument tad-dritt internazzjonali li jkun qanqal li jsir il-ftehim qafas lanqas ma jipprovdi espliċitament għal dritt bħal dak.

45. Fid-dawl ta' dan, naf li l-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet fis-sentenza Michaeler *et* li l-Klawżola 5.1(a) tal-ftehim qafas tipprekludi regoli nazzjonali li jeżiġu, b'piena ta' multa, li kopji ta' kuntratti ta' impjieg part-time jintbagħtu lill-awtoritajiet fi żmien 30 jum minn meta jkunu ffirmati[22]. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, irrikonoxxiet impliċitament li klawżola ta' dik ix-xorta għandha kontenut bażiku li leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tosserva[23]. Madankollu, għalkemm wieħed jista' jaqbel li r-regoli burokratiċi inkwistjoni f'dik il-kawża għamluha iktar diffiċli għal xogħol part-time, ikolli nammetti li ma nifhimx għalkollox kif il-kelma "għandhom" fil-Klawżola 5.1(a) tal-ftehim qafas — anki meta tinqara mal-għan tad-Direttiva 97/81 — tista' tkun interpretata bħala li tagħti lok għal obbligu vinkolanti legalment[24]. Is-sentenza Michaeler *et*, f'kull każ, ma kinitx tikkonċerna l-Klawżola 5.2

16 — Rapport tas-6 ta' Novembru 1997 dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (A4-0352/97, p. 16). Il-passaġġ rilevanti jgħid: "*Din il-Klawżola 5 tal-ftehim qafas ma hijiex vinkolanti legalment f'dak li jirrigwarda kull wieħed mill-punti ta' hawn fuq. L-użu tal-kelma 'għandu' fil-fatt ma jistabbilixxix xi obbligu speċifiku fuq l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali jew, b'mod partikolari, dawk li jħaddmu. Id-dispożizzjoni tibqa' biss dikjarazzjoni jew stqarrija ta' intenzjoni, hekk li l-kliem attwali tal-ftehim ma jistax jikseb it-tieni objettiv stabbilit fil-preambolu, jiġifieri li x-xogħol part-time isir iktar attraenti u b'hekk issir il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' impjiegi part-time*" [traduzzjoni libera].

17 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU 1997 C 371, p. 41), f'paġna 62, punti 7 sa 9: "Il-Parlament Ewropew: […] *7. Iqis li huwa kruċjali li t-trasferiment ta' ħaddiema għal 'xogħol part-time' ma għandux ikun impost; 8. Jisħobbih għall-fatt li l-ftehim [qafas] Ewropew konkluż mill-imsieħba soċjali ma jsegwix il-Konvenzjoni tal-1994 [tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol] dwar Xogħol Part-Time li tippreskrivi espliċitament it-tnaqqis gradwali implikat ta' eċċezzjonijiet; 9. Isib li s-sustanza attwali tal-ftehim, meta jkunu eliminati l-elementi dikjaratorji, ma hijiex dejjem fidila għall-għan dikjarat tagħha, minħabba li l-ftehim ma jneħħix id-diskriminazzjoni kontra ħaddiema part-time u ma jikkontribwixxix biex ix-xogħol part-time isir iktar attraenti*" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

18 — Fil-mument tal-kitba, il-Konvenzjoni tal-ILO kienet irratifikata minn disa' minn 28 Stat Membru (Ċipru, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, is-Slovenja u l-Isvezja).

19 — Ara l-Proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 1997 għal Direttiva tal-Kunsill li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC, COM (97) 392 finali, punt 5. Ara wkoll ir-riżoluzzjoni msemmija iktar 'il fuq tal-Parlament Ewropew, punt 8.

20 — Rakkomandazzjoni Nru 182 tal-ILO dwar Xogħol Part-Time (iktar 'il quddiem ir-"Rakkomandazzjoni").

21 — Ara B. Hepple, u C. Barnard, *supra*, f'paġna 580, u M. Jeffery, *supra*, p. 200. Ara wkoll ir-riżoluzzjoni msemmija iktar 'il fuq tal-Parlament Ewropew, punt 8.

22 — Ara d-dispożittiv tas-sentenza Michaeler *et*, C-55/07 u C-56/07 EU:C:2008:248.

23 — B'mod kurjuż, ir-regoli Taljani inkwistjoni fis-sentenza Michaeler *et* kienu adottati biex jimplementaw id-Direttiva 97/81, u l-Gvern Taljan allega li kienu jippromwovu l-protezzjoni u l-inkoraġġiment tax-xogħol part-time; ara l-paragrafi 6, 7 u 22 ta' dik is-sentenza.

24 — Ara s-sentenza Michaeler *et*, punt 21.

tal-ftehim qafas. Barra dan, ma hijiex preċedent adatt għal każ ineżami, minħabba li l-proċedimenti prinċipali hawnhekk ma jikkonċernawx l-impożizzjoni ta' "rbit amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li kien iżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju" [25]. Għall-kuntrarju, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ssegwi l-motivazzjoni tas-sentenza Michaeler *et* f'din il-kawża billi teżiġi l-kunsens formali tal-ħaddiem għal bidla fir-relazzjoni ta' impjieg, jinħolqu preċiżament limitazzjonijiet bħal dawn.

46. Fuq din il-bażi, nikkonkludi li l-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas ma tipprekludix regola nazzjonali li biha persuna li timpjega tkun tista' tibdel relazzjoni ta' impjieg part-time għal relazzjoni ta' impjieg full-time mingħajr il-kunsens tal-ħaddiem.

47. Jibqa' li jkun iddeterminat jekk din il-konklużjoni hijiex b'xi mod milquta minn dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 97/81.

C – *Kunsiderazzjonijiet ulterjuri*

48. Mill-bidu nett, irrid ninnota li l-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas hija l-unika dispożizzjoni fid-Direttiva 97/81 li speċifikatament tindirizza l-kwistjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju, jiġifieri l-konsegwenzi ta' rifjut għal trasferiment minn xogħol part-time għal xogħol full-time. Jolqotni, għalhekk, li, minħabba l-prinċipju ta' *lex specialis derogat legi generali*, il-kwistjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwarha għandha tkun solvuta biss abbażi ta' dik il-klawżola, u li ma huwiex meħtieġ li wieħed ifittex band'oħra. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, taħseb li jkun utli li tagħmel hekk, nagħti l-fehmiet li ġejjin.

49. Fil-fehma tiegħi, il-fatt li ħaddiema part-time biss huma esposti għar-riskju li jkollhom jibdlu għal xogħol full-time ma jagħtix lok għal xi diskriminazzjoni pprojbita mill-Klawżola 4 tal-ftehim qafas. Tabilħaqq, ir-regoli inkwistjoni ma jinvolvux trattament inqas favorevoli ta' ħaddiema part-time dwar kundizzjonijiet tax-xogħol kif imqabbla ma' ħaddiema full-time.

50. Il-paragun rilevanti inkwistjoni hawnhekk ma humiex il-paga, il-pensjonijiet jew kundizzjonijiet tax-xogħol "tradizzjonali" oħra li huma ddeterminati abbażi tal-kriterju ta' impjieg (jiġifieri, ir-relazzjoni ta' impjieg bejn ħaddiem u l-persuna li timpjegah) [26]. Minflok, l-element komparattiv li fuqu l-qorti tar-rinviju tixtieq li l-Qorti tal-Ġustizzja tiffoka huwa r-riskju għall-ħaddiem part-time li l-ammont ta' ħin ta' kuljum iddedikat għax-xogħol jista' jkun aġġustat kontra r-rieda tiegħu. Iżda dik ma hijiex ħaġa li tista' tkun is-suġġett ta' eżami għal diskriminazzjoni skont dik il-Klawżola. Filwaqt li wieħed iżomm quddiem għajnejh it-tifsira stabbilita fil-Klawżola 3.2 tal-ftehim qafas, ma huwiex fattibbli li r-riskju għal ħaddiem part-time li r-relazzjoni ta' impjieg tiegħu tinbidel għal xogħol full-time jitqabbel mar-riskju li l-istess jista' jseħħ lil ħaddiem full-time tal-istess tip, minħabba li dan tal-aħħar diġà jaħdem full-time [27].

25 — Ara s-sentenza Michaeler *et*, punt 22, li jirreferi għall-Artikolu 2(2) tal-Ftehim dwar il-politika soċjali konkluż mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ĠU 1992 C 191, p. 1), p. 91, anness mal-Protokoll (Nru 14) dwar il-politika soċjali anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

26 — Ara, fir-rigward tal-kunċett ta' "kondizzjonijiet tax-xogħol" fil-Klawżola 4(1) tal-ftehim qafas, is-sentenza Carratù, C-361/12, EU:C:2013:830, punti 34 u 35. Il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li kuntratt li jipprovdi għal skema ta' "xogħol fuq talba" jaqa' f'dak il-kunċett; ara s-sentenza Wippel, C-313/02, EU:C:2004:607, punti 30 u 32.

27 — Fis-sentenza Wippel, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li limitu kwantitattiv massimu ta' sigħat tax-xogħol, ovvjament ta' rilevanza l-iktar għal ħaddiema full-time, ma kienx jikkostitwixxi trattament inqas favorevoli ta' ħaddiema part-time meta mqabbla ma' ħaddiema tal-istess tip. Ara l-punti 49 sa 50 ta' dik is-sentenza.

51. Għas-saħħa tal-argument, wara kollox huwa dubjuż jekk il-qagħda ta' ħaddiem part-time li jaffaċċja r-riskju li jkollu jaħdem full-time kontra r-rieda tiegħu tistax, fil-fatt, titqabbel ma' dik ta' ħaddiem full-time li jiġi f'riskju li jkollu jaħdem part-time. Li jgħidulek taħdem iktar mhux l-istess bħal meta jgħidulek taħdem inqas — għall-inqas mill-aspett tal-għajxien ta' ħaddiem. Għalhekk huwa dibattibbli jekk jeżistix ħaddiem full-time tal-istess tip [28].

52. Minbarra s-sentenza Michaeler *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt irriteniet, fis-sentenza Bruno *et*, li meta regoli nazzjonali jiksru l-Klawżola 4 tal-ftehim qafas, huma jistgħu jiksru wkoll il-Klawżola 5(1) ta' dak il-ftehim [29]. Huwa diffiċli ma taqbilx ma' dik il-fehma, minħabba li l-parti inizjali ta' dik id-dispożizzjoni tirreferi espliċitament, *inter alia*, għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni [30]. Madankollu, kif diġà għidt, ma naħsibx li dan il-każ jagħti lok għal waqt wieħed ta' diskriminazzjoni. Barra dan, kif imsemmi iktar 'il fuq, dik il-ġurisprudenza kienet tirrigwarda ostakoli ta' natura amministrattiva li jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet għal xogħol part-time, li ma hijiex il-pożizzjoni fil-każ quddiem il-qorti tar-rinviju.

53. Fuq nota oħra, il-Gvern Ċek huwa tassew korrett li jirreferi għall-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li kuntratt huwa kkaratterizzat mill-prinċipju li l-partijiet huma liberi li jirranġaw l-affarijiet tagħhom [31]. Madankollu, dak il-prinċipju ma jfissirx li d-domandi magħmula għandhom jingħataw risposta fl-affermattiv, kif dak il-gvern jissuġġerixxi. Tabilħaqq, dispożizzjonijiet leġiżlattivi, bħall-Artikolu 18 tal-Liġi Nru 183/2010, jistgħu jfixklu l-libertà kuntrattwali. Dan huwa previst espliċitament fil-Klawżola 5.2 tal-ftehim qafas. Barra dan, ħaddiem huwa dejjem liberu li jtemm ir-relazzjoni ta' impjieg jekk huwa jew hija ma jkunux iridu jaħdmu full-time. Għal dik ir-raġuni, ninsab pjuttost ikkonfondut bil-paragun magħmul mill-Gvern Ċek għal sitwazzjoni ta' xogħol furzat.

54. Barra dan, niġbed ukoll l-attenzjoni għall-"klawżola ta' nuqqas ta' rigressjoni", fil-Klawżola 6.2 tal-ftehim qafas. Dik il-klawżola tagħti espliċitament lill-Istati Membri d-dritt "li jiżviluppaw dispożizzjonijiet leġislattivi, regulatorji jew kuntrattwali fid-dawl ta' ċirkostanzi li jinbidlu u ma jippreġudikax l-applikazzjoni tal-klawżola 5.1 sakemm il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni kif espress fil-Klawżola 4.1 ikun imħares". Jidhirli li r-*raison d'être* ta' dik id-dispożizzjoni huwa li Stati Membri jitħallew jimmodifikaw u, jekk ikun meħtieġ, inaqqsu l-livell ta' protezzjoni mogħti skont ir-regoli tagħhom dwar xogħol part-time fi żminijiet ta' taqlib. Għall-inqas dik id-dispożizzjoni tagħmilha ċara li regoli bħal dawn ma humiex immutabbli. F'dak ir-rigward ħadt nota tal-fatt li r-reġim Taljan applikabbli mill-2008 jidher li jikkoinċidi mal-kriżi finanzjarja globali li ġiet f'daqqa.

55. Nista' napprezza l-fatt li, skont il-liġi Taljana, il-possibbiltà li ħaddiem part-time jingħata istruzzjoni biex jerġa' lura għal xogħol full-time hija ta' natura eċċezzjonali u hija limitata, ulterjorment, mill-prinċipji ta' ġustizzja u ta' *bona fide*. Madankollu, b'differenza mill-Kummissjoni, jiena ma nistax nara b'mod ċar xi bażi legali *fil-ftehim qafas* li teżiġi li l-persuna li timpjega tħares is-salvagwardji ssuġġeriti fil-punt 28 iktar 'il fuq. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li approċċ bħal dan isegwi mill-Klawżola 1(b), li tistabbilixxi l-iskop tal-ftehim qafas, moqrija flimkien mal-Klawżola 5.2. Madankollu, interpretazzjoni xierqa tal-Klawżola 5.2 għaliha waħedha teħtieġ, fiha nnifisha, analiżi ta' dak l-istess skop (ara l-punt 39 iktar 'il fuq). Għaldaqstant il-Klawżola 1(b) ma tista' żżid xejn iktar ma' dik l-analiżi.

28 — Ara, għal dak il-fini, is-sentenza Wippel, punti 57 sa 62, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li r-relazzjoni ta' impjieg ta' ħaddiem tipiku full-time ma setgħetx titqabbel, fir-rigward tas-suġġett u l-bażi tagħha, ma' dik ta' ħaddiem part-time fuq talba. Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza Carratù, punti 41 sa 45, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li l-kumpens pagabbli meta tkun iddaħħlet illegalment klawżola ta' terminu fiss f'kuntratt ta' impjieg ma setax jitqabbel mal-kumpens li jirriżulta minn tkeċċija inġusta ta' ħaddiem permanenti.

29 — Ara s-sentenza Bruno *et*, C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329, punt 81. Ara wkoll id-digriet tas-7 ta' April 2011 fil-Kawża C-151/10, EU:C:2011:223, Dai Cugini, punt 56, u d-digriet tad-9 ta' Diċembru 2011 fil-Kawża C-349/11, EU:C:2011:826, Yangwei, punt 37.

30 — Fil-punt 112 tal-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza Bruno *et*, l-Avukat Ġenerali Sharpston targumenta li "[l]-obbligu li jinsab fil-Klawżola 5 tal-[f]tehim [q]afas fil-fehma tiegħi huwa l-applikazzjoni speċifika tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni prevista fil-klawżola 4". Fejn, bħalma jidher mill-fatti ta' dak il-każ, ir-riferiment ġeneriku għall-"Klawżola 5" huwa maħsub li jinftiehem bħala l-Klawżola 5.1 ta' dak il-ftehim, jiena inklinat li naqsam dik il-fehma.

31 — Ara s-sentenza Werhof, C-499/04, EU:C:2006:168, punt 23.

56. Fuq dik il-bażi, jidhirli li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni għal dak il-fini [32], huwa għall-Istati Membri li jipprovdu għal salvagwardji bħal dawn fid-diskrezzjoni mogħtija lilhom mid-Direttiva 97/81, bil-kundizzjoni li huma josservaw il-prinċipji ta' effikaċja u ta' ekwivalenza meta jimplementaw id-direttiva, kif ukoll il-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt tal-UE [33]. Fl-Italja salvagwardji bħal dawn ma humiex possibbiltà teoretika biss iżda, skont il-ġurisprudenza tal-Corte costituzionale, materja ta' dritt [34].

57. Madankollu, huwa daqstant ieħor ċar li kull bidla fis-sigħat tax-xogħol — u, b'mod partikolari, tnaqqis — meta jsir ċaqliq minn impjieg full-time għal impjieg part-time ma tistax tnaqqas kull dritt *diġà miksub* li l-ħaddiem ikun akkumula matul il-perijodu ta' impjieg full-time [35].

V – **Konklużjoni**

58. Għar-raġunijiet imsemmijin iktar 'il fuq, nipproponi li d-domandi preliminari mit-Tribunale ordinario di Trento (l-Italja) jingħataw risposta kif ġej:

Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l- Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC, għandha tkun interpretata fis-sens li ma tipprekludix, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, regola nazzjonali li biha l-persuna li timpjega tista' tordna l-bidla ta' relazzjoni ta' impjieg part-time għal relazzjoni ta' impjieg full-time mingħajr il-kunsens tal-ħaddiem.

32 — Fir-rigward tal-obbligu tal-persuna li timpjega li tgħarraf lill-ħaddiem dwar it-termini tal-kuntratt, dik il-kwistjoni *hija* fil-fatt armonizzata; ara d-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 3).

33 — Ara, għal dak il-fini, is-sentenza O'Brien, C-393/10, EU:C:2012:110, punt 34. F'dak is-sens, insibni li ma nistax — mhux bħall-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza Wippel, (EU:C:2004:607), punti 108 u 109 — mingħajr dispożizzjoni (pożittiva) korrispondenti fil-ftehim qafas jew band'oħra għal dak il-fini, li ninterpreta l-objettiv tal-protezzjoni soċjali xierqa, imsemmija *inter alia* fl-Artikolu 151(1) TFEU, bħala li jkun impost obbligu legali fuq il-persuni li jimpjegaw biex jieħdu ċerti miżuri *vis-à-vis* l-ħaddiema.

34 — Ara l-punt 3.3 tas-sentenza msemmija fil-punt 14 iktar 'il fuq.

35 — Ara, għal dak il-fini, is-sentenza Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols, C-486/08, EU:C:2010:215, punt 32, u s-sentenza Heimann, C-229/11 u C-230/11, EU:C:2012:693, punt 35.